**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 18, 31, 20, 22, 183, 184, 189, 261, 263, 267, 279(b), 281, 298A(a), 308, 309, 310, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
**Spettur Bernard Zarb**
**V**
**IBRAHIM RAPHAEL TRAD**

**Seduta ta'llum 30 ta' Settembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **IBRAHIM RAPHAEL TRAD** ta' sitta w erbghin sena bin Abdul Gani u Hadla imwieled l-Libanu nhar l-hdax ta' Jannar, 1964 u residenti 27, Triq 1-Kbira, 1-Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 238 14A, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-hamsa w ghoxrin ta' Frar, 2002, u f'dati precedenti f'San Giljan u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, izda li jiksru 1-istess disposizzjonijiet tal-ligi u Ii gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. bena, biddel, ghamel, ippossjeda, biegh jew xtara xi apparat li bih jista jikkonnetti kontra 1-ligi ma sistema ta' telekomunikazzjoni.

2. talli fl-istess cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex jgieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn mitt lira maltm bi hsara ghal Korporazzjoni Maltacom,

3. talli fi-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni fatt awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ghamel uzu minn tali dokument,

4. talli fi-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni okra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor ffalsifikat, u

5. talli fl-istess cirkostanzi, kkommetta serq ta' *pulses* tas-sistema telefonika ghad-detriment tal-Korporazzjoni Maltacom, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fkaz ta’ htija tordna lii imputat jhallas 1-ispejjes inkorsi mal-hatra tal-esperti.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnejn ta’ Mejju, 2002, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti b’mod sommarju kif jirrizulta mill-verbal tal-atti odjerni datat hdax ta’ Lulju, 2002.

Semghet ix-xhieda koliha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed ssostni li l-imputat odjern, ghamel numru ta' telefonati ghal barra minn Malta b'xi mezzi li bihom wiehed ma jhallasx u cioe permezz ta' telecard falza u minn *telephone booths* li jinsabu fl-Park Towers, San Giljan. Il-Pulizija Ezekuttiva marret fuq il-post indikat minn xi ufficjali tal-Maltacom f'ittra mibghuta lilha dwar dan l-abbuz. Il-Pulizija osservat lil imputat odjern jaghmel telefonata ghal barra fuq in-numru 0096323465593 u cioe lejn s-Sirja, fejn dam jitkellem ghal perjodu ta' sebgha minuti u tnejn w erbghin sekonda, minn telephone number 21378566 b'telecard bajda. Il-Pulizija segwit lil imputat, waqqfitu u haditlu 1-*card*.

Minn ezami li sar fuq din il-*card*, rrizulta li ma deheritx normali prima facie, ghaliex apparti c-cippa normali li ghandha, kellha cippa ohra mghottija bit-*tape*. Il-Pulizija dak 1-hin stess quddiem l-imputat, ghamlet uzu minn din 1-istess *card* misjuba ghand l-imputat u dehret *unlimited* fis-sens li ma spiccat qatt.

Ghalhekk l-imputat gie arrestat u fil-fatt dan irrilaxxja l-istqarrija lii giet esibita nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Marzu, 2002 mill-Ispettur Joseph Cordina u li tinsab a fol 16 tal-atti odjerni markata bhala dokument JC 2.

Minn ezami ta’ din 1-istqarrija, jirrizulta Ii l-imputat xtara din l-istess *card,* li sussegwentement giet esibita l-Qorti bhala dokument JC 4 a fol 19 tal-atti odjerni, ghal prezz ta’ erbghin lira maltin minghand wiehed Gharbi li ma kienx jaf x’jismu u li biha kien cempel s-Sirja xi sitt darbiet, u erbgha darbiet ohra l-Libanu.

L-imputat spjiega fl-istqarrija tieghu ii kien jaf li din t-*telecard* setgha juzha u jerga juzha minghajr ma jitlef il-units ta’ go fiha.

Illi bhala fatti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn d-Difiza u l-Prosekuzzjoni, izda d-differenza li tezisti bejniethom hi jekk l-fatti kif jirrizultaw jammontawx ghar-reati addebitati lil imputat.

Illi dwar l-ewwel akkuza u cioe dik kontemplata fl-artikolu 298A(a) u cioe dhul b'qerq f'sistemi ta' telekommunikazzjoijiet, d-Difiza thoss li din l-akkuza m'ghandhix tirrizulta ghaliex dak li ghamel l-imputat, m'ghamlux ghal kummerc u fil-fehma tal-istess Difiza ghalhekk semmai, 1-Avukat Generali messu akkuza lil imputat bir-reat kif kontemplat fl-artikolu 298A(b) li gie promulgat bl-Att XII tas-sena 1991 li gie promulgat minhabba l-abbuzi lampanti li kienu ghaddejjin bi-uzu ta' *telecards* foloz.

Illi l-artikolu 298A(a) jiddisponi s-segwenti:

*"Kull min jibni, jibdel, jaghmel, jippossjedi, jbiegh jew jixtri xi apprat li bih ikun jista jikkonnetti kontra 1-ligi ma sistema ta' telekommunikazzjoni, ghandu meta jinstab hati, jehel;*

*a. meta r-reat isir ghall-qliegh* ***jew*** *bi skop ta' kummerc, prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew multa ta' mhux izjed minn e lira maltin jew dik il-multa u prigunerija flimkien."*

Issa ghalhekk, minn ezami tal-istess disposizzjoni tal-ligi, jirrizulta li l-pussess tal-oggett jew apparat li bih jkun jista jikkonnettja kontra l-ligi mas-sistema ta' telekommunikazzjoni **ghal qligh** huwa bizzejjed ghal ezistenza ta' dan r-reat. I1-kwistjoni ta' pussess bi skop ta' kummerc, hija alternattiva fi-istess disposizzjoni.

F'dan il-kaz, 1-Avukat Difensur ddikjara kif jirrizulta minn verbal tat-tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 2002, Ii huwa jaqbel Ii d dokument JC 4 u cioe t-*telecard* esibita f dawn l-atti, mehuda minn fuq il-persuna tal-imputat, mhux *telecard* legali u ezenta lil istess Qorti mill-htiega li tinnomina espert sabiex jirrelata dwar dan.

Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-imputat ghandu jinstab hati ta' dan r-reat kif kontemplat fl-artikolu 298A(a) ghaliex kien fil-pussess tal-*card* u ghamel qligh minnha ghaliex ma hallasx adegwatament ghal diversi telefonati li ghamel ghal barra minn Malta u dan b'mod ripetut meta kien jaf li l-*card* kienet *unlimited* u cioe li l-*units* taghha ma jispiccaw qatt.

Fit-tieni lok, l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' frodi.

Minn ezami tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali esibiti f'dawn l-atti, jirrizulta li l-imputat gie akkuzat fost affarijiet ohra taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk l-akkuzi li jrid jirrispondi ghalihom l-imputat huma dawk ta' frodi maghmula b'ghemil zieni (sec 308) u bi qliegh b'qerq (sec 309), l-artikolu 310(1)(a) jitkellem biss dwar pieni li jistghu u ghandhom japplikaw f'kaz ta' htija.

Skond l-artikolu 308, tikkommetti d-delitt ta' truffa kull minn:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew
2. Billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew
3. Ta kwalifiki foloz, jew
4. Billi nqeda b'qerq iehor,
5. Ingann, jew
6. Billi juri haga b'ohra sabiex jgieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew
7. ta' hila,
8. setgha fuq haddiehor, jew

9. ta' krediti immaginarji jew

10. sabiex jqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

Dan l-artikolu qieghed jikkontempla l-kaz fejn il-frodi jkun sar u gie akkumpanjat b'ghemil qarrieqi kif imsemmi u elenkat fih. Infatti l-istess artikolu jelenka f'hiex jista u ghandu jikkonsisti l'ghemil qarrieqi.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn ta' Jannar, 1896***, fl-ismijiet **Regina v Francesco Cachia u Charles Beck** intqal li:

> *"Quell articolo* (b'referenza ghal artikolu 308) *non richiede solamente un asserzione menzognera o falsa, ma richiede inoltre che siano state impiegati inganno, ragiro o simulazione, ed e' necessario quindi che lo falso assertivo sia accompagnato da qualche atto diretto a darlo fede."*

**L-Imhallef Guze Flores** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Cassar Parnis** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-wiehed u tletin ta' Ottubru, 1959*** zamm l-istess interpretazzjoni u qal:

> *"Ghar-reat ta' truffa, kontemplata fl-artikolu 308 tat Kodici Kriminali, kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita specifika li sservi ta' substrat ghal vera similjanza tal-falsita prospettata bhala vera u hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu, affermazzjonijiet, luzingi, promessi minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivisti bi kredibilita l-affermazzjonijiet menzonjieri tal-frodatur."*

Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika kwazi teatrali, ii tissupera 1-kawtela ordinarja kontra s-semplici kliem u luzingi, u li taghti lil dawn l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Francis "*mise en scene*".

Fis-sentenza fi-ismijiet **Il-Pulizija v Nikol Bonnici** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sebgha w ghoxrin ta Mejju, 1994,*** l-Imhallef ghamel referenza ghal awtur taljan ***Gabriele Pincherte*** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale (Ediz. 1888 - pg. 405)*** fejn qal li:

*"La semplice menzogna non e' sufficiente, ci vuole un apparato esterno che dia credibilita a cio che si afferma."*

Huwa jsostni li dan l-apparat, bi frazi mehuda mill-arti drammatiku, il-gurisprudenzi francizi jsejjhulhom "*mise en scene*" u ghalhekk ikkonkludew li minbarra l-gidba trid l-apparat estern li jaghtiha valur. Dan gie wkoll ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Chirco*p deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sittax ta' Settembru, 1944.***

Ghal dak li hi definizzjoni jew tifsira x'inhuma akkuzi jew raggiri (*mise en scene),* id-definizzjoni moghtija mill-**Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale (Vol 1 - pg. 280)*** hija bizzejjed:

*“Nel suo sinificato letterale artifizio e’ ogni studiato trasfigurazione del vero, ogni cammufamento della realta affettuate sia sirmulando cio che non esiste (per ezempio, richezze, titoli, nome, qualita ecc.) sia dissimulando vale a dire, nascondendo cio che esiste (per ezempio il proprio stato di insolvenza.)*”

Il-Kodici Kriminali haseb wkoll ghal kaz fejn il-frodi li gie kommess ma jkunx akkumpanjat minn dak l-ghemil qarrieqi msemmi u deskritt fl-artikolu 308. Infatti l-artikolu 309 jikkontempla kazijiet ta’ frodi li ma jaqghux taht l-artikolu 308 minhabba in-nuqqas ta’ ghemil qarrieqi.

Fil-margini tal-artikolu 309, hemm imnizzel:

*“Kazijiet ohra ta’ qliegh b‘qerq.”*

L-istess artikolu jghid li:

*“Minn jaghrnel xi qliegh iehor b’qerq rnhux skond kif hernm imsemmi fl-artikolu precedenti jinstab hati tar-reat ta’ qerq pero f'dan il-kaz il-piena hija ferm izghar.”*

Issa jekk wiehed jezamina dak li ghamel l-imputat fid-dawl tas-suespost, jirrizulta minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, li l-agir tieghu kien wiehed semplici fis-sens li xtara *telecard* falza sabiex jiddefroda lil Korporazzjoni Telemalta, illum maghrufa bhala Maltacom. Fl-agir tieghu ma kien hemm ebda raggir jew *mise en scene* - ma kien hemm hadd li qed jikkonvinci bl-atteggjament tieghu ghaliex fil-fatt hu uzha fl-*pay phone*. Ma kien hemm l-ebda premessi, luzingi, jew gideb li jirrivesti bi kredibilita l-affermazzjoni menzognjeri tal-frodatur.

Minhabba dak premess aktar ‘l fuq u cioe li l-ligi taghna taghti protezzjoni specjali kontra l-inganni li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali li tissupera l-kawtela ordinarja kontra s-semplici, il-Qorti thoss li l-agir tal-imputat li jiddefroda lil Korporazzjoni jaqa taht l-artikolu 309 u mhux 308 u ghalhekk il-Qorti qed issibu hati ta’ dan i-istess reat.

Dwar t-tielet akkuza u cioe dik ta' falsifikar, il-Qorti rat li l-imputat gie akkuzat b'dak li hemm dispost fl-artikoli 183 u 184 tal Kap 9.

L-artikolu 183 jitkellem dwar minn jiffalsifika dokument u ghalhekk stante li m'ghandna l-ebda prova li l-imputat ghamel hu xi falsifikazzjoni, il-Qorti mhux ser tiddiskuti l-element ta' dan l-istess reat peress li mhux applikabbli ghal kaz.

L-artikolu 184, jiddisponi is-segwenti:

*"Kull persuna li xjentement taghmel uzu minn att, kotha jew skritturi foloz imsemmija fl-artikolu ta' qabel ta' dan is-sub titolu..."*

Ghalhekk jirrizulta minnufih li l-ligi titkellem fuq uzu ta' dokumenti foloz u ghalhekk huwa mportanti li l-Qorti tara x'hini t-tifsira ta' "dokument" u b'hekk tara jekk fil-fatt uzu ta' *telecard* falza jaqax taht t-tifsira tal-kelma "dokument".

I1-Prosekuzzjoni hawnhekk ghamlet referenza ghat-tifsira tal-kelma “dokument” kif previst fl-artikolu 588(2) tal-Kap 9 u cioe ghall-artikolu li jitkellem dwar repertus. Bir-rispett kollu lejn il-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma taqbilx ma din d-definizzjoni kif kontemplat fi-artikolu 558(2) li ghandha tinghata ghal tifsira ta’ “dokument” kif imsemmi fl-artikolu 183 u 184 tal-Kap 9.

**Kenny**, gurista ingliz fil-ktieb tieghu ***Criminal Law*** jaghti tifsira ta’ "dokument" fejn jghid:

*“For the purpose of the law of forgery a document is a writing in any form or any material, which communicates to some person or persons human statement, whether of fact or fiction.”*

**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** jghid:

*“Documento e’ ogni scrittura determinato, contenendo manifestazioni o dichiarazioni di volonta' ovvero*

*altestazioni di verita, atto o fondare o a suffragare una pretesa guiridica o a provare un fatto giuridicamente rilevante in un rapporto processuale o in altro rapporto guiridico."*

***F'sentenza moghtija nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu, 1999 minn din il-Qorti kif preseduta*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Godfrey Grima** kkonfermata fil-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta' Otlubru, 1999***, din il-Qorti kienet diga ddikjarat li l-uzu ta' *telecard* falza ma jammontax ghal uzu ta' dokument falz u fil-fatt kienet ghamlet suggeriment sabiex isir tibdi fil-ligi meta qalet li:

*"Forsi wasal iz-zmien, minhabba teknologija moderna, li ssir amenda fil-ligi fis-sens li minhabba l-fatt li t-teknologija moderna rigward l-uzu ta' electronics qeghda dejjem tizdied u tikber, wasal iz-zmien li nzidu xi kliem bhal credit cards, telecards, discs, tapes, sound tracks jew kull device iehor li jirrekordja jew jistorja informazzjoni b' uzu elettroniku jew mekkaniku taht l-*

*intestatura ta' 'dokument' biex b'hekk it-tifsira tal-kelma 'dokument' tinghata tifsira akbar."*

Anke fis-sentenza moghtija ***nhar l-hdax ta' Dicembru, 2001*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Baldacchino**, moghtija mill-**Magistrat Dottor Noel Cuschieri**, dik il-Qorti kienet tal-istess fehma dwar t tifsira tal-kelma "dokument" kifimfisser minn din il-Qorti.

Fil-fatt fl-emendi li saru ghal Kodici Kriminali bl-Att III tas-sena 2002, li mhux applikabbli ghal dan il-kaz li gie intavolat qabel ma ghaddew l-emendi, u appuntu fl-artikolu 34, insibu tifsira gdida tal-kelma "dokument" u cioe:

*"Ghall-finijiet ta' dan it-Titolu, dokument, ghodda, skrittura u ktieb jinkludu kull kartoncina, disc tape, sound trask jew mezz lehor ii fuqu jew fih tkun jew tista tigi registrata u mahzuna inform azzjon I b 'mezzi mekkanici elettronicijew mezzi ohra."*

Illi bl-avviz legali numru 94 tas-sena 2002 dan 1-artikolu gie fis-sehh mill-ewwel ta' Mejju, 2002 u ghalhekk m'ghandhux applikazzjoni ghal kaz in dezamina.

Illi konsegwentement jirrizulta bic-car li *telecard* ma hiex dokument fit-tifsira tal-ligi u ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti mhux qed ssib lil imputat Ibrahim Raphael Trad hati ta dawn t-tlett akkuzi kif kontemplati fl-artikolu 183, 184 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar l-ahhar reat, u cioe dak ta' serq aggravat bil-mezz u valur, il-Qorti tirrileva li veru li l-imputat seraq il-*units* tal-Maltacom billi ghamel telefonati li ma hallasx ghalihom, pero il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx sal-grad rikjest mill-ligi l-valur monetarju ta' dawn it-telefonati u ghalhekk il-Qorti thoss li l-aggravju tal-valur ma giex ppruvat.

In oltre, 1-artikoli 263, 264, 265 u 266 jipprovdu dwar 1-aggravju tal-mezz u cioe jaghtu diversi tifsiriet ta' dan l-aggravju pero minn imkien ma jirrizulta li dak ii ghamel 1-imputat u cioe l-uzu

illegali tal-apparat telefoniku bil-mezz li opera, jammonta ghal aggravju tal-mezz u ghalhekk dan l-aggravju wkoll qed jigi respint.

Il-Qorti ghalhekk tiddikjara ii qed issib lil imputat hati biss tal aggravju ta’ serq semplici.

Il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tad-Difiza ii jekk il-Qorti ssib lil imputat hati tal-akkuzi kontemplati fl-artikolu 298(a) tal-Kap 9, m’ghandhix ssibu hati tal-akkuzi l-ohra stante li din hija akkuza specifika.

Bir-rispett kollu 1-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni ghaliex l-agir ta’ bniedem jista jikkostitwixxi diversi reati jekk l-elementi tar-reati jikkonkorru ghalkemm l-intenzjoni tieghu tkun wiehed. Per ezempju bniedem jista jinstab hati ta’ hsara voluntarja u ta’ serq ghalkemm l-imputat ried ii jisraq biss.

Rat wkoll l-artikolu 18 ii jitkellem dwar reati kontinwati u ma hemmx dubbju li dak li ghamel l-imputat ghamlu fuq medda ta’ zmien u jikkwalifika bhala reat kontinwat.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 18, 31, 20, 22, 183, 184, 261, 263, 267, 279(b), 281, 298(a), 308, 309, 310 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti a fol 18 w immarkata bhala dokument JC 3 li hija wahda nadifa, indellibbli u bl-ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

Rat li 1-imputat ilu hawn Malta mill-1997 u li llum mizzewweg mara Maltija u li ghandu impjieg fiss bhala kok mal-lukanda Island International fil-Qawra, u ghalhekk thoss li ghandha tittratta mieghu bhala *a first time offender* meta tigi biex tapplika l-piena idoneja.

**Ghalhekk il-Qorti wara li tiddikjara li qed issib lil imputat IBRAHIM RAGHAEL TRAD hati talli ghamel konnessjoni ma**

**sistema ta' telekommunikazzjoni b'mod illegali, ta' frodi semplici u ta' serq semplici, tiddecidi billi tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt hira maltin, filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuzi ta' frodi determinat, ta' falsifikazzjoni w uzu ta' dokument kummercjali u pubbliku u tal-aggravju tal-valur u mezz fis-serq minn liema akkuzi qed tilliberah.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes tal-esperti nominati f'dan iI-kaz, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat li ma kien hemm ebda hatra simili u ghalhekk qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

Illum 30 ta' Settembru, 2002